

# *Birkirkara ex-Limiti 1a*

Din għandha tkun sensiela ta' artikli. Jew jekk wieħed irid, artiklu wieħed serjalizzat. Dan naturalment għaliex l-argument li jittratta hu wieħed wiesa' u allura jrid it-tul għall-espożizzjoni fil-kitba. U l-għan tal-pubblikazzjonijiet tal-festi u tal-każini speċifikament ma jippermettix it-tul. Il-ħsieb hu wkoll, bħalma kont għamilt fil-każ ta' Monologi Semiserji, li dil-kitba tidher fil-pubblikazzjonijiet taż-żewġ każini, għaliex nifhem li s-suġġett ittrattat jinteressa lill-Karkariżi kollha, iżommu ma' liema banda jżommu, u ma' dawk kollha li jinteressahom dak kollu li għandu jew kellu x'jaqsam ma' Birkirkara - anke dak li Birkirkara, maż-żmien qasmet jew għaddiet ma parroċċi jew lokalitajiet oħra li ħarġu mil-limiti oriġinali tagħha bħala parroċċa. Għalhekk biex wieħed jikseb it-tagħrif kollu li se jkun ittrattat f'din is-sensiela Birkirkara ex-Limiti wieħed irid jara l-pubblikazzjonijiet taż-żewġ każini Karkariżi, li minkejja r-rivalità, huma Karkariżi t-tnejn.

Mhux l-ewwel darba li meta jsir diskors fuq Birkirkara, ikun hemm min jgħid li fl-imgħoddi, Birkirkara kienet kbira ħafna u kienet tinkorpora fiha ħafna nħawi, speċjalment fix-xaqlibiet tal-Grigal tagħha li llum huma parroċċi u lokalitajet għalihom. Imma meta wieħed jgħid hekk, ma jkunx sew sew fit-taħdit tiegħu, għax Birkirkara bħala raħal, żgur li qatt ma kienet akbar milli hija llum u bdiet tikber għal dak li hija llum, bejn wieħed u ieħor mit-tieni nofs tas-seklu dsatax. Ir-raħal l-antik propju ta' Birkirkara, ukoll jekk wieħed jgħodd Ħas-Sajjied miegħu, li minn ismu nnifsu juri li xi darba kien entità għalih,[1] Birkirkara kienet iżgħar ukoll minn dik il-parti l-antika li llum inqisu bħala ċ-ċentru storiku. Imma l-firxa li tissemma li kellha Birkirkara, kważi minn taħt l-Imdina u lejn Marsamxett u l-Bajja ta' San Ġorġ, kienu l-limiti jew territorju ta' waħda minn dawk il-parroċċi li twaqqfu lejn is-seklu erbatax u fejn Birkirkara kienet armajn l-akbar raħal.

Ma' Birkirkara f'din il-parroċċa, f'dak iż-żmien li l-istoriċi jsibuh bħala l-Medjuevu, kien hemm għadd ta' rħula oħra li tajjeb wieħed jara ftit liema kienu. Uħud għadhom magħna sal-lum u kibru huma wkoll f'dan l-agglomerat urban li hija Malta ta' żmienna meta l-ismijiet tal-irħula tista' tgħid li huma biss ismijiet taħ distretti fil-konurbazzjoni urbana. Tlieta li għadhom hemm huma Ħ'Attard, li sar parroċċa għalih fl-1575, Ħal-Lija li saret parroċċa fl-1594 u Ħal-Balzan li sar parroċċa fl-1655.

Kien hemm Ħal Kaprat fl-inħawi tal-knisja l-qadima ta' Santa Venera. Ġieli saret ukoll referenza għall-Imsida bħala raħal. Biss mhux bogħod kien hemm Ħal Tigan li kien fl-inħawi fejn illum hemm l-Università u dawk magħrufin aktar bħala Tal-Ħriereb. Fl-inħawi aktar imbegħdin u lejn il-kosta ma kienx hemm irħula, anzi kienu aktarx diżabitati, u għal ħtiġijiet bħal sajd u agrikoltura kienu jinlaħqu minn irħula li kien hemm aktar 'il ġewwa. Jista' jkun li kien hemm ukoll xi insedjament fl-inħawi magħrufa bħala Tal-Għargħar, illum fil-lokalità ta' San Ġwann.[2]

F'din il-kitba se nagħtu ħarsa lejn xi binjiet, strutturi u ħwejjeġ oħra ta' interess li oriġinarjament kienu fil-limiti ta' Birkirkara u li eventwalment ġew inkorporati fil-limiti ta' parroċċi ġodda li twaqqfu maż-żmien. Jiġifieri kienu hemm minn qabel u għadhom hemm illum Minbarra dawk il-parroċċi li diġà semmejna hawn fuq, dawn twaqqfu l-aktar bejn nofs is-seklu dsatax u s-snin għoxrin tas-seklu ta' wara u xi wħud minn dawn reġgħu inqasmu f'parroċċi oħra wkoll. Hekk nistgħu nsemmu l-Imsida fl-1865, Tas-Sliema fl-1878, il-Ħamrun 1881, San Ġiljan fl-1891, Santa Venera fl-1918 u l-Gżira fl-1921. Żewġ parroċċi oħra li saru hekk direttament minn dak li kien it-territorju tal-bidu tal-parroċċa ta' Birkirkara fit-tieni nofs tas-seklu għoxrin huma: San Ġwann fl-1965 u Tal-Ibraġ fl-1999.

1. Din li rħula Maltin ngħaqdu u saru raħal wieħed taħt l-isem ta' dak li setà kien ir-raħal ewlieni, ma kinitx fenomenu li seħħet biss f'Birkirkara, iżda fi rħula oħra wkoll.
2. Fuq l-irħula medjevali Maltin li għebu, ara Wettinger G., *Lost Villages and Hamlets of Malta* f' *Medieval Malta* (Anthony Luttrell, Ed, 1975).

Għalhekk f'din l-ewwel parti se nibdew speċi ta' dawra malinħawi min-naħa tat-tarf ta' Triq Fleur de lys u hawn niġu mill-ewwel fil-parroċċa u l-lokalità ta' Santa Venera fejn insibu lill-istess knisja l-qadima tal-parroċċa preżenti u li tat isimha lil-lokalità, li allura xieraq li wieħed jibda minnha. Dan se jkun fil-pubblikazzjoni parallela. Hawn se nkomplu naraw x'hemm aktar li kien fil-limiti ta' Birkirkara fiha qabel ma saret parroċa fl-1918 u nkomplu neżlin il-Ħamrun li kien sar parroċċa fl-1881.

## Ex-Limiti fil-Ħamrun

### *Il-Knisja Ta' Santunnuzzu*

Din il-knisja kienet inbniet l-ewwel darba qrib is-snin 1620-1640 u l-bennej kien ċertu Pankrazju Briffa. Imiss magħha fuq in-naħa tal-lemin ta' min iħares lejha, Briffa kien bena wkoll palazz ċkejken ta' sular wieħed bil-ġonna warajh. Dan nafuh mill-atti tan-Nutar Michele Ralli, li jgħidilna wkoll li l-kappella tbierket nhar il-31 t'Awwissu tal-1645. Ta' dan il-palazz fadal biss tifkira minn minn ritratt antik.



*il-knisja ta' Santunnuzzu u l-palazz ta' maġenbha minn ritratt antic u Santunuzzu - Sant' Elena 3*

Il-knisja kienet reġgħet inbniet fi stil Barokk mill-kjeriku miżżewweġ Antonio (Tonnuccio) Agius u martu Margherita, li tagħha hemm ritratt-pittur fis-sagristija, f'nofs is-seklu tmintax. Dan jidher fal-atti tan-Nutar Franġisk Alfano fis-sena 1745. Il-kappella l-ġdida tbierket mill-Isqof Fra Paolo Alferan de Bussan fl-1750. Sadattant minn dan Antonio jew Tonnuccio ħadet il-laqam ta' Tonnucciu *jew Santunnuzzu,* kif għadha magħrufa sal-lum. Din il-knisja *għandha* kampnar li qiegħed





*Il-knisja ta' Santunnuzzu minn barra u minn ġewwa*

wara l-koppla, għalhekk ma jidhirx minn bra t-triq bil-bini li hem illum u minn *ġewwa* hija għamla skorfina u għandha altar wieħed. Imżejna wkoll b'ħafna lavur u skultura sabiħa fil-ġebla tal-franka.

Illum fadal biss il-knisja li propjament hija ddedikata lill-Madonna taħt it-titlu ta' Porto Salvo għalkemm il-kwadru titulari li hemm illum juri l-Assunzjoni ta' Marija fis-Sema u fil-lapida li hemm fiha li turi li l-altar hu privileġġjat, tissemma l-Viżitazzjoni. Fil-knisja hemm ukoll kwadru juri lil Santa Liena.




*Lapida li turi li l-altar hu privileġġjat*

Minflok il-palazz illum hemm bini ieħor ta' appartamenti, li mid-daqqa tagħhom jidhru li huma tal-aħħar tas-seklu dsatax jew tal-bidu tas-seklu għoxrin, meta l-*Ħamrun* kien qed jikber bl-għaġġla minħabba l-qrubija tiegħu lejn il-Belt u l-Port il-Kbir. Imma l-knisja flimkien mal-appartament dejjaq *ħdejha* u fuq is-sagristija tagħha għadhom kif kienu.

Din il-knisja kienet tagħmel ma' Birkirkara u fil-fatt qabel ma l-*Ħamrun* sar parroċċa fl-1881, kien jamministra s-sagramenti fiha lin-nies tal-inħawi, il-qassis Karkariż Dun Furtunat Valletta. Meta l-*Ħamrun* sar parroċċa l-ewwel kappillan kien l-istess Dun Fortunat. In-naħa l-oħra tat-triq ewlenija tal-Ħamrun, dak iż-żmien kien jagħmel ma' *Ħal* Qormi. Santunnuzzu għall-ewwel kienet isservi ta knisja parrokkjali sakemm inbniet il-knisja ta' San Gejtanu li nfetħet fl-1881.

## *Palazz Blacas*

Dan il-bini magħruf bħala Palazzo Blacas jibsab kif taqbeż il-pjazza ewlenija tal-Ħamrun int u sejjer lejn il-Blata l-Bajda. U wieħed jista' jgħid li hu l-unika ħaġa li fadal minn villa b'ġonna estensivi magħha li kien hemm fil-post, forsi sa tard fis-seklu dsatax. Dan ġieli rreferew għalih bħala *villino* jew *casa* u l-kunjom Blacas ġieli jinstab mibdul fi Placas. Popolarment ġieli kien magħruf ukoll min-nies bħala *Ta' Frakass.*



*Il-parti li fadal illum mill Palazz ta' Blacas qrib il-pjazza tal-Ħamrun*

Kien inbena mill-Balliju Antoine-Francois de Blacas d'Aups bħala r-residenza tal-kampanja. Il-palazz oriġinali ma kienx kif nafuh illum, imma ħafna akbar u kellu parti twassal sa nofs il-pjazza. De Blacas kien twieled fl-1698 fi Provenza fi Franza u miet fl-1777 fl-età ta' 79 sena u ndifen f' San Ġwann il-belt fejn wieħed għadu jista' jara l-lapida ta' qabru fil-kappella ta' Provenza. Kien bniedem ta' kultura li għadda ħajtu, minbarra l-missjoni tiegħu ta' Kaptan tax-Xwieni, fl-istudju botaniku.

Din id-dar kellha ġonna kbar li kienu jinkludu wkoll fejn hemm l-impriża tal-ħalib, mill-1938 u llum iċ-ċentru tal-iScouts tal-Ħamrun, fejn qabel kien hemm ukoll l-ewwel l-istazzjon ul-werkxops tal-ferrovija (ca. 1880) u wara wkoll skola teknika tas-subien. Fl-1887 il-Little Sisters of the Poor stabbilew dar għax-xjuh fid-dar innifisha u parti mill-ġonna.

Dr. Carmel Testa, fil-ktieb *Maż-Żewġ Naħat tas-Swar,* jgħid li fl-imblokk tal-Franċiżi f' dan il-palazz kien inqatel Franċiż:

*L-Ex-Kavallier Jean Marie Bosredon Vatanges, li kien joqgħod f'dar sabiħa bil-ġnien fejn illum hemm il-Little Sisters of the Poor fil-pjazza tal-Ħamrun, inqatel u ġie midfun fil-ġnien ta' dik id-dar li isimha kien 'Casa Placas'. Din id-dar bil-ġnien magħha kienet b'ċens temporanju għand Teresa Dou u Vantanges kien ilu joqgħod hemm tmien snin. Meta bdiet ir-rewwixta, is-suldati Maltin tal-kamp tas-Samra marru joqgħodu f'Casa Placas u kissru u għamlu ħsarat kbar f'dak il-lokal.*

Billi fejn illum hemm il-pjazza kien jagħmel mal-ġnien, il-parti tal-bini li kienet tinsab fil-faċċata, maż-żmien inkriet lill-privat. Imma dawn maż-żmien intelqu, saru żdingati u l-gvern waqqagħhom u biex saret il-pjazza. Fl-isqaq li hemm wara l-istitut kien sa xi snin ilu kien għad hemm funtana u xi bini minnu.



*L-inħawi tal-Ħamrun minn pittura ta' Giorgio Pullicino 1779-1851. Il-Palazz ta' Blacas hu dak li jidher għan-nofs fejn mit-triq ewlinija tinferaq it-triq għal Ħal Qormi*

***Dar għax-Xjuħ tal-Little Sisters of the Poor***

Għalkemm is-sorijiet stabbilew ruħhom fil-Ħamrun xi snin wara li dan kien sar parroċċa awtonoma(1881), ta' min jgħid kelmtejn dwarhom hawn. Din id-dar fuq il-kantuniera bejn il-pjazza ewlenija tal-Ħamrun u Triq il-Kbira San Ġużepp, ukoll inbniet bħal istituti oħra li semmejna f'din il-kitba, fuq propjetà li kienet tal-Gvern, il-palazz u l-ġonna li kienu nbnew hemm mill-Kavallier il-Balliju Antoine-Francois de Blacas d'Aups bħala r-residenza tiegħu tal-kampanja. Is-sorijiet ta' Jeanne Jugan kienu kienu ġew hawn Malta fl-1878 u għall-ewwel fetħu dar f'Tal-Pieta. Iżda fl-1887 xtraw mingħand il-Gvern l-art u l-palazz għas-somma ta' elf, ħames mija u tlieta u tletin lira Ingliżi - somma li għal dak iż-żmien kienet kbira.

Oriġinarjament is-sorijiet bnew id-djar tagħhom għall-fqar u x-xjuħ, magħrufa bl-isem ta' Saint Paul's Home, b'niċċa bi statwa ta' dan il-qaddis fuq id-daħla ewlenija tagħha fuq il-pjazza. Din inbniet fuq wara fil-ġnien tal-villa, b'dormitorji kbar madwar bitħa-ġnien b'kappella spazjuża fuq wara. Imma fil-bidu ta' das-seklu ħassew il-ħtieġa kemm li jimmodernizzawha u fl-isteww waqt jirbħu aktar spazju għall-anzjani, billi t-talba li jidħlu hem kienet dejjem tikber. Din id-dar imġedda kienet inawgurata fl-2006

Philip Xuereb




# Manuel Grima

# il-Hutch

**Wholesale & retail in Wines & spirits, Cigarettes & Sweets**

**29, St. Helen Square, Birkirkara**
**Tel: 2144 1922**